MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2010

Citazzjoni Numru. 269/2003

**Maria Gatt u b'digriet tal-1 ta' April 2005 Maria Assunta *sive* Marisa Pace, Carmela Brincat, Rita Zammit u Sylvia Bartolo assumew l-atti tal-kawza minflok Maria Gatt li mietet fil-mori.**

**vs.**

**Dennis Balzan.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 14 ta' Marzu 2003 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onoroveli Mhallef Noel Cuschieri fejn gie premess:-

Illi nhar is-6 ta Jannar 2000 waqt illi l-konvenut Dennis Balzan kien qieghed isuq il-vettura tas-socjeta` Mobile Transport Security Limited bin-numru EBA-327 tal-marka

Nissan Silvia fit-Triq Palma gewwa Rahal Gdid huwa tajjar lill-attrici Maria Gatt waqt li dina kienet qieghda taqsam l-imsemmija triq. Dan sehh minhabba l-imprudenza, negligenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut Dennis Balzan;

Illi b'konsegwenza ta' dan l-incident l-attrici sofriet danni u hsarat fuq il-persuna taghha u per durata u dan sehh unikament, tort tal-imsemmi konvenut Dennis Balzan;

Illi l-attrici interpellat lill-konvenut ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni u dan sija b'ittra interpellatorja kif ukoll ufficjali datata 13 ta Novembru 2001 izda l-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Illi ghalhekk l-istess attrici talbet lill-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li huwa unikament responsabbli tal-incident tat-traffiku li gara nhar is-6 ta Jannar 2000 gewwa Triq Palma f'Rahal Gdid meta l-imsemmi konvenut Dennis Balzan minhabba imprudenza, negligenza, traskuragni u nuqqas tal-harsien tar-regolamenti tat-traffiku tajjar lill-attrici bi hsara fuq il-persuna taghha .

2. Tinnomina periti sabiex jillikwidaw id-danni lilha kagunati bl-imsemmi incident tat-traffiku;

3. Thallas lill-attrici dak l-ammont li hekk jigi likwidat.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-18 ta' Awissu 2001, dik ufficjali tat-13 ta Novembru 2001 u l-ittra l-ufficjali li qieghda tigi pprezentata kontestwalment ma` din ic-citazzjoni bil-konvenut minn issa mharrek ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni flimkien mal-lista tax-xhieda tal-attrici a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onoroveli Mhallef Noel Cuschieri ghas-seduta tal-25 ta’ Novembru 2003.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut datata 19 ta’ Settembru 2003 a fol. 10 tal-process fejn gie eccepit:-

1. L-ewwel talba tal-attrici ghandha tkun respinta billi l-incident awtomobilistiku *de quo* ma garax b’tort tal-eccipjent izda gara unikament bi htija tal-attrici stess.

2. It-tieni talba tal-attrici ghandha tkun michuda billi ma hemmx danni x’jigu likwidati favur taghha.

3. Isegwi li anke t-tielet talba tal-attrici ghandha tkun rigettata *stante* li l-eccipjent m’ghandux ikun ikkundannat ihallas danni lill-attrici.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 10 u 11 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri mill-25 ta’ Novembru 2003 sat-13 ta’ Ottubru 2004 fejn fl-ahhar seduta il-kawza marret sine die.

Rat ir-rikors ta’ Maria Gatt datat 10 ta’ Novembru 2004 a fol 18 tal-process fejn talbet li l-kawza terga tigi riappuntata ghas-smigh u l-Qorti kif diversament presjeduta laqghet it-talba u rriappuntat il-kawza ghas-smigh ghall-14 ta’ Dicembru 2004, kif jidher bid-digriet moghti fis-16 ta’ Novembru 2004.

Rat ir-rikors ta’ Maria Assunata sive Marisa Pace, Carmela Brincat, Rita Zammit u Sylvia Bartolo datat it-30 ta’ Marzu 2005 a fol. 23 tal-porcess fejn talbu li jigu awtorizzati li jassumu l-atti tal-kawza minflok Maria Gatt stante l-mewt ta’ Maria Gatt liema talba giet milqugha b’digriet datat l-1 ta’ April 2004.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri datati 14 ta’ Dicembru 2004 sal-16 ta’ Novembru 2005.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta datati 31 ta’ Jannar 2006 sal-24 ta’ Mejju 2007 fejn il-Qorti ddikjarat il-provi attrici maghluqa u nnominat bhala Assistent Gudizzjarju lil Dr. Josette Demicoli sabiex kif hemm indikat fil-verbal tal-istess seduta tisma’ l-provi.

Rat in-noti attrici datati 22 ta’ Gunju 2005 u 16 ta’ Novembru 2005 rispettivament fejnipprezentat l-affidavits tal-attrici Maria Assunta *sive* Marisa Pace datat l-1 ta’ Gunju 2005 u dak ta` zewgha John Pace (fol. 38).

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tal-14 ta’ Jannar 2009 il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Michael Camilleri sabiex jiffissa seduta biex isir il-kontro-ezami ta’ Dennis Balzan.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Michael Camilleri flimkien max-xhieda quddiemu prodotta.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta tat-13 ta’ Ottubru 2009 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Alessia Zammit McKeon ghall-konvenut u Dr. Noel Camilleri ghall-atturi li nfurmaw lill-Qorti li l-provi huma maghluqa. Id-difensuri talbu jaghmlu nota u l-Qorti tat sittin (60) gurnata zmien lil kull parti. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-25 ta’ Marzu 2010.

Rat in-nota ta sottomissjonijiet tal-atturi datata 25 ta’ Jannar 2010 .

Rat in-nota responsiva tal-konvenut datata 15 ta' Marzu 2010.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat ir-rikorsi kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza fejn l-attrici Maria Gatt qed titlob dikjarazzjoni u hlas ta' danni wara incident awtomobistiku li gara fis-6 ta' Jannar 2000 fi Triq il-Palma, Rahal Gdid fil-5.20. a.m. meta hija giet investita mill-karozza tal-marka Reg. No. EBA 327 misjuqa mill-konvenut li kien gej mid-direzzjoni tal-Belt sejjer lejn Hal Tarxien.

Illi mill-investigazzjonijiet li saru fuq il-post minn P.S. 1439 John Tabone jghid li meta mar ma sabx lill-attrici fuq il-post ghaliex kienet giet ambulanza ghaliha, izda sab daqsxejn demm taht il-bankina. Il-konvenut kellu *brake marks* ta' 5.5. metri u l-karozza spiccat kif indikata fl-iskizz (Dok. "TJ1" - fol. 43) inklinata lejn ix-xellug minn fejn qasmet l-attrici, u huwa qallu li ra bhala dalma quddiemu fit-triq ghaliex il-persuna kienet liebsa l-iswed u zamm il-*brakes* u hass daqqa fuq il-karozza. Iktar tard kellem lil Maria Gatt li qaltlu li harget tixtri l-hobz, harset lejn iz-zewg nahat tat-triq qabel ma bdiet taqsam u peress li ma kienx hemm karozzi qasmet it-triq u ntlaqtet mill-karozza misjuqa mill-konvenut.

Illi jirrizulta mill-okkorenza wkoll li l-istess konvenut effettivament ma rax lill-attrici u dan peress li hemm indikat li kull ma ra kien *"something dark on his bonnet and windscreen, stopped the vehicle and he estiblished that it was an old woman".*

Illi dan jinsab ikkoroborat mill-affidavit tal-konvenut datat 2 ta’ Gunju 2007 li jghid li ma rax lill-attrici peress li kien id-dlam, kienet liebsa iswed skur, u wkoll kien hemm *canopy* ta’ hanut fuq in-naha tat-triq taghha u quddiem il-hanut ma kienx hemm karozzi ghalkemm mill-bqija kien hemm karozzi fuq iz-zewg nahat tat-triq. Jghid in kontro-ezami (29 ta’ Lulju 2009) li kien certu dawl tat-triq maqtugh u kien ghaddej b’*dimmed headlamps*; il-hsarat kienu fuq ix-xellug tieghu, u l-inklinazzjoni tat-triq fejn sar l-incident hija gholja.

Illi jirrizulta wkoll li l-attrici intlaqtet kif nizlet jew wara ftit li nizlet il-bankina u dan kemm minhabba d-demm li insab taht il-bankina wara l-incident u kif ukoll minhabba dak li rrizulta fl-iskizz tal-incident fejn il-vettura tal-konvenut tidher inklinata lejn ix-xellug, u fl-ahharnett ghaliex il-konvenut stess qal li huwa kien qed isuq *“close to the pavement”.*

Illi minn dan kollu din il-Qorti thoss li dan l-incident gara tort tal-konvenut ghaliex ma kienx attent u naqas li jara dak li kien quddiemu, u fil-fatt ma rax lill-attrici taqsam it-triq, b’mod li naqas li jara dak li kien *“in plain view”.* Jidher car li meta l-istess konvenut jghid li lanqas biss induna x’laqat, din hija fiha nfisha autoinkolpazzjoni u in verita’ twassal sabiex turi b’mod sinifikattiv in-nuqqas tal-konvenut fl-investiment tal-vettura tieghu, li ma kienx attent ghal dak li kien qed isehh fit-triq. L-allegata kwistjoni ta’ nuqqas ta’ dawl fit-triq, haga li ma gietx ippruvata ghas-sodisfazzjon tal-Qorti, tfisser biss li l-konvenut kellu jkun iktar attent fis-sewqan tieghu, u f’dak il-hin ma kellux ikun miexi *f’dimmed lights*. Jidher ukoll li l-istess konvenut inhasad qabel ma gara l-incident ghaliex ipprova japplika l-brejk u l-karozza ingibded fuq ix-xellug tieghu.

Illi fid-data tal-incident l-attrici kellha sebghin (70) sena u bis-sinistru habtet rasha, u kisret il-left *humerus* ta’ dirghajha u saqajha t-tnejn (Dok. “TJ 2” u Dok. “TJ 3”) bil-mod li xehed Dr. Alain Vella fil-25 ta’ Mejju 2006 dan anke ghaliex jidher li l-impatt kien wiehed sinifikanti kif jidher mid-Dok. “AV1” (fol. 57); hija wkoll habtet rasha u jidher li intilfet minn sensiha u jirrizulta mix-xhieda ta’ bintha li

damet hafna sabiex tfieq u qatt ma giet kif kienet tant li kellha bzonn l-ghajnuna sabiex adirittura tiehu hsieb taghha nnifisha u anke biex timxi u dan jinsab ikkonfermat mix-xhieda ta' John Pace (Dok. "A" –fol. 38). Dan ifisser li l-hajja ta' din il-persuna b'din il-kaz tbiddlet kompletament peress li filli kienet mara ndipendenti li taghmel kollox hi minkejja l-eta' taghha u filli giet dipendenti fuq haddiehor u sahhitha baqghet tmur lura anke psikologikament u mentalment.

Illi minn dan kollu jirrizulta li l-incident kellu mpatt negattiv fuq il-hajja tal-attrici Maria Gatt (llum mejta) u jirrizulta li fil-gurisprudenza taghna mxiet fid-direzzjoni li tillikwida *lucrum cessans* anke fil-kaz klassiku bhal dak odjern ta' mara tad-dar peress li gie korrettament ritenut li tali attivita' ghanda valur ekonomiku ghall fininijiet ta' *lucrum cessans* u li ghandha tinghata kumpens ghall-griehi mgarrbin minnha f'incident dannuz (**"Maria Dolores sive Doris Celeste vs Nicola Ann De Bono et"** (P.A. (RCP – 30 ta' April 2008)).

Illi fil-fatt inghad fil-kawza **"Joseph Galea et vs Charles Fenech proprio et nomine"** (P.A. (N.A) - 16 ta' Marzu 2004) li *'huwa ben stabilit fil-gurisprudenza nostrana li l-kumpens ghal dizabilita' permanenti huwa dovut anke jekk persuna danneggiata ma titlef xejn mill-introjtu taghha – ara f'dan ir-rigward George Gatt vs Francis E. Carbone nomine deciza minn din il-qorti diversament komposta fis-7 ta' Lulju 1998 u diversi sentenzi ohra in materja"*

Illi dan gie segwit f'diversi sentenzi fosthom fil-kazijiet **"Joseph Smith vs Peter Grech"** (P.A. (AJM) – 4 ta' Ottubru 1995); **"Saviour Sammut et vs Robert Demanuele"** (P.A. (GV) – 12 ta' Lulju 2002; **"Slyvia Rosso vs Etiene Galea"** (P.A. JRM) – 3 ta' April 2003) **"Emanuel Buhagiar vs Kyle Stone et"** (P.A. (GV) – 28 ta' Frar 2007); **"Joseph Galea et vs Charles Fenech proprio et nomine"** (A.C. – 16 ta' Marzu 2004); u **"Francis Farrugia vs David Darmanin"** (P.A. (RCP) – 21 ta' Marzu 2002; fejn gie ribadit il-principju li li persuna ghandha tigi kkumpensata tad-danni li sofriet tenut kont tas-sitwazzjoni attwali taghha, b'dan li hija ghandha dritt

tgawdi minn stat ta' sahha tajjeb li hija kellha qabel l-incident li giet effettwata minhabba proprju incident simili ghall dak mertu tal-kawza odjerna. Fil-fatt inghad dan, jista' jigi kkunsidrat ukoll fil-kuntest ta' spejjez zejda li jkollhom isiru minhabba dak li tkun sofriet il-persuna milquta jammonta ghall-qliegh inqas ghaliha.

Illi f'dan il-kaz din il-Qorti thoss li ghandha tapplika dawn il-principji u wkoll tillikwida d-danni *arbitro boni viri* u dan fuq l-iskorta wkoll tas-sentenza **"Giuzeppi Grech et vs Emanuel Sultana et"** (Q.Gh. (A.E.) – 24 ta' Gunju 2008) u din il-Qorti fil-waqt li taghmel taghha l-insenjamenti hemm kontenuti u taddottahom f'din id-decizjoni, u fil-kuntest tac-cirkostanzi odjerni fosthom li Maria Gatt kellha 70 sena fid-data tal-incident; li hija damet sew biex tfieq u qatt ma fieqet kompletament, tant li ma baqatx iktar indipendenti kif kienet izda kellha bilfors taccetta l-ghajnuna ta' haddiehor, il-fatt li qabel l-incident kienet taghmel kollox hija, u l-fatt l-aktar sinfifikanti li juri li minhabba dan l-incident hajjitha tbiddlet kompletament, tant li hija stess psikologikament ukoll dan qatt ma accettatu, din il-Qorti qed tillikwida is-somma fl-ammont ta' erba' t'elef ewro (€4,000).

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenut huwa unikament responsabbli tal-incident tat-traffiku li gara nhar is-6 ta' Jannar 2000 gewwa Triq Palma f'Rahal Gdid meta l-imsemmi konvenut Dennis Balzan minhabba imprudenza, negligenza, traskuragni u nuqqas tal-harsien tar-regolamenti tat-traffiku tajjar lil Maria Gatt bi hsara fuq il-persuna taghha .

2. Tillikwida id-dannu lilha kagunat bl-imsemmi incident tat-traffiku fl-ammont ta' erbat'elef ewro (€4,000).

3. Tordna lill-konvenut ihallas lill-atturi fil-kwalita' taghhom premessa l-ammont hekk likwidat ta` erbat'elef ewro (€4,000).

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-18 ta' Awissu 2001, dik ufficjali tat-13 ta Novembru 2001 u l-ittra l-ufficjali pprezentata kontestwalment mac-citazzjoni, u bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------